# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 4.4

**Kapitlu 4: Ejjew inkunu ħbieb tajbin!**

**Lezzjoni 4.4: Il-ħbieb ta' Ġesù**

**L-Għanijiet:**



**It-tfal:**

1. Jitgħallmu l-istorja ta' Ġesù ma' Marta, Marija u Lazzru.
2. Jitgħallmu kif il-ħbieb kienu jġibu ruħhom ma' Ġesù.
3. Jifhmu li Ġesù jridna nkunu ħbieb tajbin bħalma kien hu.
4. Jitgħallmu kif il-ħbieb jagħtu l-għajnuna.

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- *Starboard presentation* - Il-ħbieb ta' Ġesu' f'Betanja
- Cartoon clips minn fuq Youtube tal- Qawmien ta' Lazzru mill-mewt.
- Karta ta' Taħriġ : 4.3.



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Introduċi l-logħba billi ssemmi żewġ affarijiet u t-tfal jagħżlu l-aktar ħaġa importanti u ta' bżonn minnhom it-tnejn. X'inhu l-aktar importanti:



- Tilgħab mal-kelb jew tagħtih jiekol?
- Tieħu dak li trid jew tagħmel lill-mama' ferħana?
- Tiekol il-frott jew tieħu ġelat?
- Tilgħab mal-ħbieb jew tikkmanda lill-ħbieb?

- Jekk it-tfal jagħżlu l-alternattiva ħażina, turihom li żbaljaw u tispjegalhom għaliex.
- Staqsi: Min hu l-aktar importanti għalina biex ngħixu ħajja tajba? (Naturalment it-tweġiba tkun Ġesù. Jekk it-tfal jirrispondu bi kliem bħal **mama'**, **papa'** eċċ, tgħidilhom li tajba, imma li hemm xi ħadd aktar importanti.).

## Nisimgħu flimkien (actual lesson)

- Irrakkonta permezz tal-i*Starboard presentation* l-episodju mill-Vanġelu (Luqa 10:38-42) fi kliem sempliċi. L-għalliema turi lit-tfal kif dawn l-aħwa kienu ħbieb kbar ta' Ġesù.
- Staqsi: Min miż-żewġt aħwa, Marta jew Marija, għażel l-aktar ħaġa importanti.
- Tkellem dwar episodju, li juri kemm Ġesu' kellu għal qalbu lil din il-familja nsibuh fi Ġwanni 11:1-45: il-qawmien ta' Lazzru mill-mewt. Kif ukoll il-ħbiberija li l-aħwa kellhom ma' Ġesu'. Hawnhekk tista' turi xi clip milli dawk issuggeriti jew xi ħaġa simili.
- Bl-għajnuna tal-istess *Starboard presentation*, l-għalliema tkompli tgħid l-episodju li nsibu fi Ġwanni 12:2-9, meta ftit qabel ma' miet Marija dilkitu biż-żejt.



- Aqsam , it-tfal fi tliet gruppi differenti. Kull grupp jirreċta episodju minn ta' fuq. M'hemmx bżonn li t-tfal kollha jkollhom parti prinċipali fl-istorja. Xi wħud mit-tfal jistgħu jkunu l-mistednin fl-ikla fid-dar ta' Betanja jew inkella n-nies li kienu qed ifarrġu lil Marta u Marija wara l-mewt ta' Lazzru. L-aqwa li kulħadd jieħu sehem.
- Spiċċa l-lezzjoni, billi fl-aħħar parti tal-i*Startboard presentation* it-tfal iqabblu l-ismijiet tat-tlitt iħbieb ta' Ġesù mal-istampi. Il-ġrajjiet li jkunu għadhom kemm semgħu u rreċtaw jgħinuhom jidentifikawhom malajr.
- Iftaħ il-ktieb tal-Attivijajiet 4.3 u wara li jkunu identifikaw il-persunaġġi, jiktbu l-isem tagħhom f'posthom u jpinġu l-istampa.

**Nikbru flimkien (punti saljenti tal-lezzjoni)**




1. Ġesù kellu ħafna ħbieb. Kellu l-ħbieb speċjali tie kienu jafdaw ħafna fih.

2. Mal-ħbieb irrid nagħmlu dak li hemm bżonn. Il-ħbieb qegħdin hemm biex ngħinuhom u nitgħallmu minn xulxin. Mhux biex nilagħbu biss.

3.Ġesù kien jgħin lil ħbiebu fil-bżonn. Aħna ngħinu bħal Ġesù.

**Nagħżlu flimkien (Attitude)**




Għandu jkolli ħbieb speċjali tal-qalb.

Imma ngħin, nitkellem u nilgħab ma' kulħadd.

**Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc**

Video clip minn fuq You Tube:

**Jesus wept and Lazarus awoke**

**(http://www.youtube.com/watch?NR=1&feature=endscreen&v=T6TrnPzYMps)**



Jew

**Animated Bible Story of**

**Lazarus Lives**

**(http://www.youtube.com/watch?v=_J0NuME_6dc)**

**Nitolbu**

Mulej, għinni biex jiena nkun dejjem ħabib ta' bħalma kienu Marta, Marija u Lazzru.

